MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**DEBORAH MIFSUD ATTARD**

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2013

Talba Numru. 696/2013

**Gambin Colin**
**ID 143466M**
**Vs**
**Anderson Laura u zewgha Anderson Callum**
**C 28232**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-25 ta' Dicembru, 2013 illi s-somma mitluba tirrapprezenta il-bilanc ta' arretrati ta' dawl u ilma koncernati l-fond 121, 'San Marco', Apartment 1, Triq il-Ghajn, Swieqi, liema fond huwa propjeta' ta' l-attur u kien mikri lill-intimati.

Minkejja li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghal-hlas huma baqghu inadempjanti.

Bl-ispejez, u bl-imghax legali, kontra l-konvenuti, bl-ingunzjoni tal-konvenuti 'n subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma dehru ghas-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013 u lanqas ghas-seduta ta' llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mill-attur fis-seduta tas-6 ta' Dicembru, 2013 u filfatt il-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrispondu ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.
Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attur tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma ta’ tmien mija u wiehed u disghin ewro (€891) bl-imghax legali sad-data sal-pagament effettiv.
L-ispejjez, ikunu a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------